MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 199/2003

**Dr. Chris Cardona**

**vs**

**Dr. Eddie Fenech Adami**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-7 ta' April, 2003 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut illi:
(1) prevja d-dikjarazzjoni illi waqt Dibattitu Politiku trasmess fuq Radju RTK u Radju Malta (PBS) nhar il-5 ta' April, 2003, ghamel u xandar allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur bil-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku, meta allega fost ohrajn, li l-attur kien wiehed minn grupp ta' persuni fil-Partit Laburista li kienu favur shubija shiha fl-Unjoni Ewropea, u konsegwentement mar kontra l-*policy* dikjarata ta' l-istess Partit Laburista;

(2) ihallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiffissa bhala danni u riparazzjoni tal-malafama b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagamanet effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Preliminarjament, illi l-allegazzjonijiet imputati lill-konvenut mhumiex precizi.

Fil-meritu, illi d-diskors imxandar tal-konvenut jammonta ghal 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti.

Rat is-sentenza taghha ta' l-14 ta' April, 2005;

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Novembru, 2005 fejn idderemiet il-kwistjoni ta' responsabbilta u baghtet il-kawza lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex tiddeciedi l-kwistjoni tad-danni;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi kif kien gie definittivament deciz mill-Qorti ta' l-Appell, din il-Qorti trid tibda mill-premessa li l-attur gie ngurjat meta l-konvenut iddikjara, fuq dibattitu politiku fuq Radju RTK u Radju Malta (PBS), illi l-attur kien favur li Malta tidhol membru fl-Unjoni Ewropea.  Il-mument storiku ta' din id-dikjarazzjoni kien lejliet Elezzjoni Generali li kellha tiddetermina darba ghal dejjem il-futur ta' Malta bhala parti mill-Unjoni Ewropea jew le.  Dana stabbilit, il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra d-danni.

Ikkunsidrat:

Fuq dan, tiehu spunt mill-istess decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija meta, fost affarijiet ohra, jinghad li ormai, il-kontroversja hija sorpassata billi hemm

qbil unitarju bejn il-partiti politici fuq il-kwistjoni ta' post Malta fl-Ewropa il-Qorti u qalet: "Dan il-fatt ma jistax *a posteriori* jservi biex, ghall-mument storiku li nghad d-diskors, ikun sostitut ta' dik il-prova tal-veracita' oggettiva tal-kumment. Jista *tutt' ai piu'* jghodd bhala attenwanti ghall-skop ta' likwidazzjoni tad-danni."

Il-Qorti rat ukoll bhala gwida, il-kawzi decizi mill-Prim'Awla fl-ismijiet Nazzareno sive Reno Galea vs Joseph E Storace deciza fl-14 ta' Dicembru, 1965 u Carmel Tonna et vs Felix Agius deciza fit-23 ta' Marzu, 1993. F'din ta' l-ahhar inghad, "Dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati "in vacuo" imma ghandhom jigu relatati mall-hsara li l-kitba ngurjuza setghet potenzjalment tikkreja lill-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom. Danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jista jkunu wkoll ta' indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama. Mill-banda l-ohra d-danni kalkolati ghandhom ikunu dawk li jemanu bhala konsegwenza diretta jew indiretta tal-kitba ngurjuza u mhux minn fatti, eventi jew fatturi ohra estraneji ghaliha, anke jekk konnessi."

Ricentement, f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell sede Nferjuri, fit-22 ta' Marzu, 2006 fil-kawza l-ismijiet Perit Dom Mintoff vs Saviour Balzan, il-Qorti qalet li danni morali ghandhom jirriflettu l-gravita' ta' l-ingurja fil-kuntest ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Att ta' l-Istampa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-sofnd ta' dan it-taghlim, il-Qorti qieset li decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Novembru, 2005 fuq imsemmija, ddikjarat darba ghal dejjem illi l-kumment tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur kien wiehed gravi, meta tikkonsidra l-mument storiku li nghad. Fil-kawza Perit Dom Mintoff vs Saviour Balzan fuq imsemmija, fejn il-Qorti dehrilha li kien hemm ingurja gravi, illikwidat danni morali fl-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2000). L-istess ammont gie likwidat minn din il-Qorti fl-ismijiet Onor. Dr Alfred Sant vs Onor. Dr Eddie Fenech Adami deciza fis-7 ta' Dicembru, 2004.

Din il-Qorti pero' ser tiehu bhala attenwanti l-fatt illi llum hemm qbil unitari bejn il-partiti politici fuq il-kwistjoni ta' post Malta fl-Ewropa u dan kif suggerit mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha ta' din il-kawza ta' Novembru, 2005 u ghalhekk ghal din il-fini, taqta u tiddeciedi illi filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ta' l-attur, peress illi din diga giet definittivament deciza b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija tat-23 ta' Novembru, 2005, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala danni u riparazzjoni ta' malafama bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------